**NAXXAR**

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

---

**Data:** Il-Ħamis, 29 ta' Mejju 2014

**Ħin:** 7:30pm

**Post:** Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

**Rif:** Is-seba' leġislatura, laqgħa numru 21

1. **Approvazzjoni tal-minuti.**
2. **Komunikazzjoni mis-Sindku u korrispondenza.**
3. **Ħlas ta' kontijiet, rendikonti finanzjarji, infiq eċċ.** *(Skedi annessi)*

a. **Għażla ta' kwotazzjonijiet għall-assikurazzjoni.** *(Skeda annessa)*

4. **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jan-Mar 2014.**
5. **Apparat li għandu jiġi *written off*.** *(Skeda annessa – Ara wkoll nota)*
6. **Approvazzjoni tas-*Sustainable Energy Action Plan*.** *(Rapport anness – ara wkoll in-noti fuq wara.)*
7. **Attivitajiet marbuta mal-għoti ta' Ġieħ in-Naxxar.** *(ara n-noti fuq wara.)*
8. **Proposta minn SkylineWebcams.** *(Annessa)*
9. **Ħatra ta' rappreżentant fuq il-Bord tal-Majjistral.**
10. **Ħidmet il-Kunsillieri – konferma/tibdil tar-responsabbiltajiet skont il-każ.**
11. **Data għal-laqgħa li jmiss.**

**P. Gatt**

Segretarju Eżekuttiv

## NOTAMENTI GĦAL-LAQGĦA

### Apparat tal-uffiċċju li għandu jiġi *written off*

Qed nehmeż lista ta' apparat li qed nirrakkomanda li għandhom jiġu *written off* u mormija minħabba li jew huma kompletament skaduti jew m'għadhomx jiffunzjonaw u li l-ispiża biex ikunu rranġati tkun tali li ma jkunx vjabbli li jiġu rranġati.

Nikkonferma li b'dan mhux qed jintalab li dan l-apparat jiġi sostitwit iżda biss biex niddisponu minnhom.

### Sustainable Energy Action Plan (SEAP)

Anness għandhom is-SEAP li, fejn Kunsilli Lokali kellhom iħallsu għalih swihom eluf ta' Ewro, fil-każ tagħna, grazzi għall-kuntatti li għamilt dwar dan mal-AKL, dħalna parteċipi fi proġett li kopra l-ispejjeż kollha tiegħu u li allura ma sewa xejn lill-Kunsill tagħna. Dan huwa wkoll xi ħaġa meħtieġ mill-*Covenant of Mayors* li niffurmaw ukoll parti minnu.

Fost id-dettalji li fih ir-rapport, la darba l-Kunsill jikkonfermah u japprovah, ikun ifisser li qed jikkommetti ruħu li se jaħdem biex inaqqas l-emissjonijiet b'20.1%. Dan jista' jsir jekk il-Kunsill jieħu l-azzjonijiet elenkati f'paġni 59 sa 64 li huma marbutin b'*time frames* speċifiċi.

Għall-benefiċċju tagħkom, irriproduċejna l-istess azzjonijiet f'tabella b'mod (annessa) li nkunu nistgħu norganizzawha f'ordni skont id-data li l-azzjoni hija pproġettata li tidħol fis-seħħ. B'hekk inkunu nistgħu naraw stampa aktar realistika u tkun aktar faċli li nimxu mal-pjan.

F'dan l-istadju l-Kunsill m'għandux jikkunsidra azzjonijiet lil hinn minn dan il-pjan għaliex il-ġudizzju jsir biss fuq dak li qed nikkommettu dwaru. Li rridu però huwa li naċċertaw li l-azzjonijiet jittieħdu fil-ħin u li jkollhom is-suċċess li mistenni mir-rapport. F'dan id-dawl għalhekk il-Kunsill għandu jawtorizza lill-Amministrazzjoni biex tieħu l-passi meħtieġa mingħajr ma jkollna għalfejn nirreferu lill-Kunsill qabel ma nibdew tali azzjonijiet.

### Attivitajiet marbuta mal-għoti ta' Ġieħ in-Naxxar

Dwar din l-attività l-Amministrazzjoni għandha bżonn il-konfermi li ġejjin:

Jkunu ordnati siġġijiet puliti cushioned f'ammont u oħrajn normali tal-injam biex inġibu t-total ta' mill-inqas 300 (jew ammont li jidhirlu l-Kunsill).

- Jekk għandux ikun hemm welcome drink.
- Jekk għandux ikun hemm bibita ħafifa wara.
- L-għażla tal-parteċipanti.
- Programm tal-attività.
- Reklamar
- Stedin ta' VIP partikulari biex jagħtu l-premju

Dwar l-għażla tal-parteċipanti, is-sejħa għall-kwotazzjonijiet tagħlaq dak inhar tal-laqgħa f'nofsinhar u impossibli wieħed ikun jaf minn issa kemm se tkun faċli jew diffiċli l-għażla. Huwa għalhekk rakkomandabbli li jintgħażlu tliet persuni (jew ikun il-Kumitat tal-Finanzi) biex jieħdu d-deċiżjoni tal-għażla sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data tal-laqgħa.